# Kwadru bix-Xbieha ta' Sta.Katarina fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu tal-Fawwara · *is-Sur Mario Fenech* ·



F'waħda mill-knejjes zgħar li niltaqaw magħhom fil-kampanja sabieħa tagħna hija dik iddedikata lill-Madonna tal-Karmnu fil-Fawwara.

Din il-knisja ċkejkna għandha storja partikolari li teħodna lura lejn is-sena 1616 meta ċerta Gerolama Ciantar li kellha r-raba tagħha fl' inħawi kienet għamlet wegħda mal-Madonna li jekk in-nixxiegħa tal-ilma ġieri li kien hemm fir-raba tagħha terġa tibda tagħmel l-ilma bħal ma kienet tagħmel qabel, hi kellha tibni Knisja fuq l' istess post tan-nixxiegħa.

Wara l-Grazzja maqluha, Gerolama bniet il-Knisja u ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu. Dan il-fatt huwa rreġistrat f' Atti Nutar Pietro Paola Vincella bid-data tal-5 ta' Marzu 1616,

Fis-sena 1669 skond ix-xewqa ta' Mario missier Gerolama u ħuha Federiku, l-Knisja ġiet mibnija mill-ġdid mill-Konfraternita tal-Madonna tal-Karita mwaqqfa fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfraġu fil-Belt Valletta.

Ftit tas-snin wara, f' 1756 kien sar xogħol ta' tiswija u tkabbir tal-Knisja. Dak iż-żmien il-Prokuratur tal-Fratellanza kien Antonio Palma. Maż-żmien ir-raba li kellha l-Benefattriċi Gerolama għadda wkoll f' idejn il-Fratellanza tal-Karita.

Fis-sena 1900 il-Gvern Kolonjali ta' dak iż-żmien ħa f'idejh in-nixxiegħa tal-ilma li hija meqjusa bħala l-akbar waħda li hawn f' Malta biex iwassal l-ilma fl' inħawi tal-Kottonera. Għal daqstant il-Gvern kien għadda xi raba lill-Fratellanza bħala kumpens.

Fuq il-bieb tal-Knisja hemm imnaqqxa fil-ġebla l-arma tal-Fratellanza bil-kelma "Caritas". Il-Kwadru ta' fuq l-Artal qiegħed fi prospettiva sabieħa minquxa fil-ġebel. Fih naraw il-Madonna bil-qedgħa fuq Tron ta' sħab abjad, qedgħa żżomm lill-Bambin Ġesu f' Ħoġorha. Dawn iż-żewg figuri huma Nkurunati. Fuq in-naħa tax-xellug bil-wieqfa jħares lejn il-Madonna l-Eremita San Girolamo, dan biex tiġi mfakkra l-Benefattriċi tal-Knisja Gerolama Ciantar.

Fuq in-naħa l-oħra tat-tila Santa Katerina. Lill-Qaddisa narawha qedgħa żżomm ix-xabla u l-palma f' idejha x-xellugija bħala simboli tal-Martirju tagħha, fil-waqt li ma' l-art ħdejn riġlejha tidher ir-rota miksura.

Bejn dawn iż-żewġ figuri jidhru żewġ Fratelli lebsin il-barnuż, qegħdin jistennew biex jitilgħaw fil-glorja tal-Ġenna. Bejn dawn il-Fratelli tidher l-Arma tal-Fratellanza tal-Karita.

Ma sibt l' ebda tagħrif dwar kif Santa Katerina ġiet inkluża f' dan il-Kwadru. Jista jkun li l-Benefattriċi Ġerolama Ciantar kienet Devota ta' din il-Qaddisa. Jista jkun ukoll li meta sar dan il-Kwadru l-Kult Katrinjan kien ferm aktar qawwi u mifrux fil-Gżejjer Maltin minn kif inhu l-lum u għal daqstant kien hemm ukoll il-ħtieġa li din il-Qaddisa tiġi inkluża fil-Kwadru.




Fl' istess Kwadru tidher l-Arma tal-Familja Ciantar kif ukoll id-data tal-1674 u l-inizjali G. C.

Fil-preżent din il-Knisja flimkien mad-dar li hemm magħha qedgħa tintuża l-aktar għal irtiri fosthom dawk tal-membri tal-Kleru.